



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 58/23

Il-Lussemburgu, 31 ta' Marzu 2023

### Fl-1 ta' April ser jidħlu fis-seħħ emendi importanti tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

*B'dawn l-emendi, il-Qorti Ġenerali tkompli tippromwovi ġustizzja moderna u effiċjenti*

Il-Qorti Ġenerali emendat ir-**Regoli tal-Proċedura** tagħha sabiex tkompli ttejjeb l-użu tal-ħin tal-qorti, b'mod partikolari billi tikkjarifika jew billi tissemplifika ċerti dispożizzjonijiet. Dawn l-emendi jindirizzaw ukoll bżonnijiet partikolari, bħalma hija l-possibbiltà li tintuża l-videokonferenza għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali. Dawn l-emendi jiffavorixxu wkoll il-ġestjoni proattiva tal-kawżi u jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-persuni fiżiċi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-emendi proposti, li ġew approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea <sup>1</sup>.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali emendat id-**Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura** tagħha <sup>2</sup>.

#### X'qiegħed jinbidel?

**L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura jikkjarifikaw, jikkompletaw jew jissemplifikaw ċerti dispożizzjonijiet.** Huma, fost oħrajn, jillimitaw il-każijiet ta' regolarizzazzjoni tan-noti u joffru wkoll **soluzzjonijiet** li l-qorti u r-Reġistru tagħhom kienu waslu għalihom fid-dawl ta' **bżonnijiet partikolari**.

#### Il-videokonferenza

B'hekk, il-Qorti Ġenerali tipprevedi, fit-testi tagħha, il-possibbiltà li tintuża **l-videokonferenza għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali**, bl-adozzjoni ta' qafas ġuridiku u tekniku dwar dan is-suġġett. Il-videokonferenza rriżultat essenzjali sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ġustizzja matul il-perijodu ta' kriżi sanitarja. It-talba għall-użu tal-videokonferenza mressqa mir-rappreżentant li ma jkunx jista' jipparteċipa fiżikament għas-seduta għandha tkun ibbażata fuq "raġunijiet sanitarji, raġunijiet ta' sigurtà jew raġunijiet serji oħra" (Artikolu 107a tar-Regoli tal-Proċedura). Il-kundizzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu ssodisfatti għall-parteeipazzjoni fis-seduta permezz ta' videokonferenza huma speċifikati fid-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura. Ma' dawn hemm ukoll id-dokument "Rakkomandazzjonijiet prattiċi għar-rappreżentati li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom permezz ta' videokonferenza".

#### Firma elettronika

Ħerqana li tippromwovi ġustizzja moderna u effiċjenti, il-Qorti Ġenerali bdiet tiffirma b'mod elettroniku s-sentenzi u d-digrietijiet tagħha f'Marzu 2022. B'hekk, id-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura jispeċifikaw il-modalitajiet tal-**firma elettronika kkwalifikata tad-deċiżjonijiet tagħha** u r-regoli dwar iż-żamma permanenti u b'sigurtà tal-verżjonijiet oriġinali elettroniċi ta' dawn id-dokumenti.

<sup>1</sup> Dawn l-emendi ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-14 ta' Frar 2023 ([ĠU 2023, L 44, p. 8](#)).

<sup>2</sup> Dawn l-emendi ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-10 ta' Marzu 2023 ([ĠU 2023, L 73, p. 58](#)).

## Ġestjoni proattiva

Il-bidliet introdotti fir-Regoli tal-Proċedura joffru possibbiltajiet ġodda lill-qorti li jwieġbu għar-rekwiżit ta' **ġestjoni proattiva tal-kawżi** u li joħroġu mir-riflessjonijiet magħmula fir-rapport 2020 tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### Kawża pilota

L-Artikolu 71a tar-Regoli tal-Proċedura jintroduċi l-kunċett ta' "**kawża pilota**". Fil-fatt, dan l-artikolu jispeċifika l-każijiet li fihom, fost il-kawżi pendenti li jqajmu l-istess punt ta' liġi, waħda minnhom tiġi identifikata bħala kawża pilota, filwaqt li l-oħrajn jiġu sospiżi. Huma offerti garanziji ġodda: il-kawża pilota ser tibbenefika minn trattament bi prijorità u l-partijiet fil-kawżi sospiżi ser jinstemgħu wara li titkompla l-proċedura fil-kawżi tagħhom.

### Seduta komuni għas-sottomissjonijiet orali

L-Artikolu 106a tar-Regoli tal-Proċedura ser jippermetti lill-Qorti Ġenerali torganizza **seduti għas-sottomissjonijiet orali li jkunu komuni għal diversi kawżi** meta jkun hemm xebh bejniethom, u dan irrispettivament minn jekk ikunux issodisfatti l-kundizzjonijiet għal tgħaqqid tal-kawżi.

### Protezzjoni tad-data

Il-Qorti Ġenerali tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni dwar il-**protezzjoni tad-data personali tal-persuni fiżiċi** fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regoli tal-Proċedura tagħha issa jagħmlu distinzjoni ċara bejn l-ipproċessar tad-data personali tal-persuni fiżiċi (Artikolu 66) u l-ipproċessar tad-data li ma tkunx data personali (Artikolu 66a). L-avviż "Ommissjoni ta' data fil-konfront tal-pubbliku fil-proċeduri ġudizzjarji" ifakkar il-ħtieġa li l-ommissjoni tad-data tintalab b'att separat hekk kif jiġi ppreżentat l-att, sabiex jiġi evitat li din id-data tilħaq tinħareġ fuq l-internet.

### Dokumenti utli għall-partijiet

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali aġġornat sensiela ta' dokumenti utli għar-rappreżentanti tal-partijiet (**Check-list – Rikors; Mudell ta' sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali invokati fir-rikors, Check-list – Seduta għas-sottomissjonijiet orali, Ommissjoni ta' data fil-konfront tal-pubbliku fil-proċeduri ġudizzjarji**). Tfasslu wkoll dokumenti ġodda li għandhom jgħinu lir-rappreżentanti tal-partijiet jippreparaw ir-rikors tagħhom (tqegħid għad-dispożizzjoni ta' **mudelli indikattivi ta' rikorsi**) u li għandhom jiggwidawhom meta tintlaqa' t-talba tagħhom għall-parteċipazzjoni permezz ta' videokonferenza (**Rakkomandazzjonijiet prattiċi għar-rappreżentanti li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom permezz ta' videokonferenza**).

Ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda ser ikunu aċċessibbli fis-sit Curia taħt it-taqsim "Il-Qorti Ġenerali"/"Proċedura":  
[https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2\\_7040/mt/](https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7040/mt/).

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

